MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 186/2011

Kawza fil-lista: 11

**T P f' isimha proprju**
**u ghan-nom tal-minuri B, X,**
**Y u Z**
**vs**
**WC**
**u Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li minn relazzjoni li hi kellha mal-konvenut WC twieldu l-minuri B, X, Y u Z, li fuq l-att tat-twelid taghhom bin-numri rispettivi 2350/2000, 4785/2001, 4784/2001 u 3723/2004, gew registrati bhala ulied ta' missier mhux maghruf; li l-attrici ghandha nteress li t-tfal

jigu dikjarati bhala l-wild naturali tal-konvenut WC; ghaldaqstant qed titlob li din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-minuri B, X, Y u Z li twieldu mir-rikorrenti huma l-wild naturali ta' l-intimat WC billi okkorrendo tinnomina espert mediku sabiex isiru t-testijiet genetici appositi sabiex tigi stabbilita' l-paternita' tal-minuri.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid numri 2350/2000, 4785/2001, 4784/2001, u 3723/2004 ta' l-imsemmija minuri billi flok il-kliem "unknown father" fil-kolonna ntestata 'isem u kunjom missier it-tarbija' jitnizzlu isem l-intimat "WC" u kull taghrif iehor ta' l-istess intimat WC.

Bl-ispejjez u b' riserva ta' l-azzjoni apposita ghall-hlas tal-manteniment ta' l-istess tfal minuri kontra l-intimat, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha d-Direttur tar-Registru Pubbliku rrefera ghall-artikoli 100A u 92[6] tal-Kap.16;

Rat il-verbal maghmul fl-udjenza tas-7 ta' Marzu 2012 li permezz tieghu l-konvenut WC ammetta t-talbiet attrici;

Rat il-verbal maghmul fl-udjenza tad-9 ta' Mejju 2012 li permezz tieghu l-partijiet irregistraw il-qbir taghhom li kunjom it-tfal ikun "C P";

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici dahhlet f' relazzjoni stabbli u esklussiva mal-konvenut WC fis-sena 1999, liema relazzjoni damet circa sena u nofs meta l-attrici iskopriet li dan il-konvenut kien mizzewweg. Matul dan il-perijodu twieldu t-tfal B, u t-tewmin, X u Y, fit-3 ta' Lulju 2000 u fl-1 ta' Dicembru 2001 rispettivament.

Illi, ghalkemm il-partijiet itterminaw ir-relazzjoni ta’ bejniethom, huma xorta wahda kienu baqghu jiltaqghu sabiex il-konvenut jara lit-tfal. L-attrici tghid: “Wpero’ baqa’ jigi jara lit-tfal, u jien bqajt inhobbu minkejja kollox. Gara li fis-sena 2004 ergajt hrigt tqila minnu u fit-3 ta’ Novembru 2004 twieled Z..”[1]

Illi jirrizulta li fis-sena 2004 il-partijiet insertaw iltaqghu l-Belt f’ okkazjoni festiva, u dawn komplew flimkien u anke kellhom relazzjoni ntima flimkien, bir-rizultat li l-attrici harget tqila bi Z.

Illi l-Qorti hija tal-fehema li mill-provi rrizulta sodisfacentement provat li l-konvenut WC huwa l-missier naturali tat-tfal fuq indikati.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici; u tiddikjara li t-tfal B, X, Y u Z, huma l-wild naturali tal-konvenut WC; u tordna l-konsegwenzjali korrezzjonijiet fl-att tat-twelid tat-tfal fit-termini tat-tieni talba.

Spejjez ikunu a kariku taz-zewg partijiet konguntivament fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Fol.31